Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0209

Il-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja UE–Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam: terminazzjoni

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta’ Ġunju 2026 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-terminazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (14569/2025 – C10-0299/2025 – 2025/0259(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (14569/2025),

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Liberja dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea[1],

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0299/2025),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tas-17 ta’ Ġunju 2026[2] dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ

---

1 ĠU L 191, 19.7.2012, p. 3, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:22012A0719(01).

2 Testi adottati, P10_TA(2026)0210.

Internazzjonali (A10-0133/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-terminazzjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Liberja.